**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 56**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 7 ta’ Frar 2024 fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku
Frederick Aquilina – Kunsillier
Lucia Massa – Kunsillier
Maria Magri – Kunsillier
Andrew Cassar – Kunsillier

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**
Kearon Bruno – Viċi Sindku
Eric Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku John Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**56.1 Unaudited Financial Statements 2023**

**Is-Sindku John Schembri** stieden lill-accountant tal-Kunsill sabiex jagħti spjega tal-Unaudited Financial Statements.

L-Accountant spjega li minkejja li l-Kunsill għandu working capital stabbli, l-Kunsill xorta għalaq is-sena b'telf, liema telf irriżulta li ġej mill-ispejjeż relatati mal-ġbir tal-iskart u t-tnaqqis tal-allokazzjoni.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet korrezzjoni ta' xi line items sabiex jirriflettu l-ammonti sewwa, f'dak li huwa ġbir ta' skart u Waste Tipping Fees.

Il-Kunsill qabel li ssir l-emenda u approva l-Unaudited Financial Statements.

**56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 55**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 55, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 55 ġew approvati b'mod unanimu.

**56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**56.3.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri**

Nipproponi li l-Kunsill japplika għall-iskemi maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali u LESA, skont il-ħtieġa u l-esiġenzi tal-Kunsill.
Għaldaqstant fid-dawl ta dan kollu nipproponi li l-Kunsill japplika għall-iSkema Proġetti fil-Komunitajiet 2024, sabiex jiġu nstallati fanali ornamentali f'diversi sqaqien antiki tal-lokalita'.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Ivvutaw favur ħames (5) kunsilliera preżenti. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

**56.3.2** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri**

Nipproponi li l-Kunsill jivvota s-somma ta' € 5,000 sabiex tintuża għall-attivitajiet relatati mal-Ġimgħa Mqaddsa.

Il-Kunsillier Maria Magri ssekondat.

Il-Kunsillier Frederick Aquilina ġibed l-attenzjoni li t-truss li ntramat is-sena li għaddiet m'hemmx bżonnha għaliex poster jista' faċilment jitwaħħal mal-ħadid taz-zuntier tal-Knisja.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li biex dan isir jeħtieġ il-permess tal-Kappillan għaliex iz-zuntier mhux tal-Kunsill.

Ivvutaw favur ħames (5) kunsilliera preżenti. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni

**56.4** **Evaluation Report AI Tenders**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda r-rapport ta' evalwazzjoni relatati mat-Tender AI CCTV Cameras.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu r-rapport tal-evalwazzjoni.

**56.5** **Xogħlijiet fil-lokalita'**

56.5.1 Is-Sindku John Schembri nfurma li nbeda x-xogħol fi Triq Ġanni Vassallo minn Infrastruttura Malta.

56.5.2 Is-Sindku John Schembri nfurma li tlabna lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex japprova li ssir VISA Card sabiex ikun possibli li jsir charging tal-vann elettriku tal-Kunsill.

**56.6** **Attivitajiet**

Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa jekk hux se jsiru attivitajiet relatati mal-Karnival. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li ma ġie ppjanat xejn. Il-Kunsillier Frederick Aquilina ppropona li ssir xi ħaġa għall-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa.

**56.7** **Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

Il-Kunsillier Lucia Massa ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

Il-Kunsillier Maria Magri ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**56.8** **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Frederick Aquilina rringrazzja lil Infrastruttura Malta għax-xogħlijiet li saru fi Triq San Ġużepp, iżda jidher li parti minnha ngħata tarmac kiesaħ u hemm xi spralli mgħollija. Is-Sindku John Schembri nfurma li jinsab f'kuntatt mal-Perit responsabbli minn dan il-proġett.

Il-Kunsillier Andrew Cassar staqsa kienx hemm xi żviluppi dwar it-traffic management fiz-zona ta' Triq l-Iskola. Is-Sindku John Schembri nfurma li ilu minn April li għadda jistenna traffic management mill-uffiċjali ta' TM.

Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa kemm hawn Community Police fil-lokalita'. Is-Sindku John Schembri nfurma li bħalissa hawn 2 uffiċjali. Il-Kunsillier Andrew Cassar ġibed l-attenzjoni li Ħal Farruġ mhux qed jiġi kopert minn dan is-servizz. Is-Sindku John Schembri nfurma li se jkun qed jitkellem mas-Surġent responsabbli.

**56.9** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.45p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 12 ta' Marzu 2024.

Konfermati, llum ____________________________________

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |